# Bidla stupenda

Thea ttewbet oħra akbar minn ta' qabilha. U biex ikompli magħha, Zorro, kelb fih daqsha u li ċ-ċertifikat tal-pedigrì tiegħu qatt ma nstab, ittewweb bħalha sakemm ħlief ħalqu u lsienu ma kinux jidhru. Zorro kien dejjem ma' saqajn Thea, u fejn tiddeffes Thea arah jiddeffes hu wkoll u jxammem.

"Kemm qegħdin sew!" gerger Nick. Kien għadu ġej mill-gabbana b'żewġ ġelati f'idejh u sakemm wassalhom, beda jilgħaq daqqa wieħed u daqqa l-ieħor.

"Jaqq! Tgħidlix li lgħaqt tiegħi wkoll!" għajtet Thea. "Issa jekk għandek il-marda tal-ilsien u d-dwiefer?"

Nick ma tax kasha u newlilha l-ġelat mingħajr ċerimonji. Minfuq li qagħad imur jixtri!

"Dis-sħana! Mhux bilfors jinħall il-ġelat? Dellikli subgħajja kollha."

Nick kellu tlettax-il sena, sena ikbar minn Thea. B'xagħru aħmar kien jagħti fil-għajn kull fejn imur u Thea ma damitx ma qalgħethielu Rasserva, ras kunserva. Kien aċċettah dan il-laqam, dejjem aħjar milli tgħajjatlu Nicola. Nicola jgħajtulu l-ġenituri meta jkun għamel xi ħaġa li ma tkunx għoġbithom. U jekk biex taqbad miegħu Thea kienet tgħajjatlu Nicola hu kien ikun pront isejħilha Teodora. Imma x'fettlilhom semmewha hekk ommha u missierha? Thea ġieli ħasbet li tant damu jfittxu isem li ma kellhomx sabar jaslu sal-aħħar tal-lista alfabetika tal-ismijiet tat-trabi bniet. Waslu sat-**T** u ċċumbaw l-ewwel isem li raw.

Nick tella' n-nuċċali b'seba' mhux imdellek bil-ġelat u imbotta lil Thea b'ġenbu biex jintefa' bilqiegħda fuq bank. Thea u Zorro resqulu b'nofs qalb. Ma jippretendux li kien se joqgħod fix-xemx Nick, hux? U t-tlieta li huma qagħdu

bilqiegħda fl-unika roqgħa dell li kien hemm fl-istazzjon żgħir ta' Altafonte.

Altafonte hija belt żgħira qrib il-baħar, imdawra bil-kampanja u bl-għoljiet; belt imżejna b'toroq dojoq imserrpin, torrijiet u siti storiċi. Hawnhekk jinsabu xi fdalijiet tal-Etruski, nies li għexu qabel ir-Rumani. F'dan l-istazzjon ftit ikun hawn ċaqliq fix-xitwa għajr għal xi nies li joqogħdu fl-inħawi u li jużawh biex jivvjaġġaw għax-xogħol.

Fis-sajf imbagħad storja oħra. L-istazzjon jimtela turisti u nies li jiġu għall-baħar f'Altafonte Marina.

Iż-żrażar kienu qed iwerżqu kollha f'salt qishom qed jagħmlu kunċert u xħin ifettlilhom jieqfu f'daqqa daqslikieku miftehmin.

"Imma din ħabibtek kellha għalfejn tidħol fis-sagħtejn ta' waranofsinhar? Ma setgħetx tiġi mat-tren tas-sitta ta' filgħaxija?"

"Uff qisek grotger," u xħin rat lil Nick iħares lejha mitluf spjegatlu, " … grottlu jgerger! Int

min qallek tiġi miegħi?"

"Grotger! Ġdid dat-timbru! Grazzi!"

Nick dejjem kien jiskanta bil-mod ta' kif Thea kienet tittimbra lin-nies. Kienet iddaħħqu u kultant għalhekk kien jieħu gost jagħmilha magħha. Imma li qabdet u laqqmitu "grottlu jgerger" kien iżżejjed!

Nick kien waqaf mir-riċerka li kien qed jagħmel fuq l-Etruski biex ġie magħha tistenna lil Martina. Martina kienet il-ħabiba tal-qalb ta' Thea. Kienu ilhom ħbieb mindu kienu żgħar. Dik il-grazzi li ħa mingħand Thea!

Nittama li ma ddumx hawn din Martina, ħaseb Nick. Kien diġà qed jimmaġina lil Thea tqum aktar fuq tagħha u tipprova turi x'taf meta jkun hemm ħabibitha magħhom. Ma tantx xtaq li jkun hemm ħaddieħor magħhom. Kienu għaddejjin tajjeb kif kienu.

"U kemm se ddum hawn Martina?"

"Ġimgħa biss. Iz-zija Kons kienet qaltli li jekk nifrex is-sodda u nżomm il-kamra tiegħi suret

in-nies, Martina tista' tiġi toqgħod għandha. U mnalla ġejja, għax dal-post qisu qassattra, qassata mfattra! Almenu magħha ngħaddiha."

Nick din qatt ma stennieha minn Thea. Mindu bdiet tiġi Altafonte għall-vaganzi għand iz-zija Costanza, li issa Thea bdiet tgħajtilha z-zija Kons, kienu jsibu x'jagħmlu. Ma tantx kellhom ħin jiddejqu. U issa kellha l-wiċċ tost tgħidlu li mnalla ġejja Martina ħalli ma tiddejjaqx!

Nick ħa għalih. Xtaq jivvintalha xi timbru lil Thea bħalma kienet taf tagħmel hi. Imma ma kienx ilaħħaq magħha f'dil-ħaġa. Ma kellimha xejn u qagħad iħares 'l hawn u 'l hemm. Xtaq itemmgħalha l-ġelat li kienet qed tilgħaq u jagħlqilha ħalqha mqar għal darba waħda biss. X'taħseb li hi din Thea? Hu kien jgħix is-sena kollha hawn f'Altafonte u qatt m'għaddielu minn moħħu jqabbel il-post ma' qassata! Anzi, in-nies kienu jiġu apposta f'dal-post biex iżuru n-nekropoli Etruska. Nick kien kburi b'pajjiżu! U jekk lil Thea jdejjaqha daqshekk dal-post

“qassattra”, l-għaliex kienet dejjem tiġi għand iz-zija Kons għall-vaganzi tas-sajf? Għax ma tmurx toqgħod mal-ġenituri tagħha fil-post li krew ħdejn il-baħar f’Altafonte Marina?

Beda jippassiġġa minn naħa għal oħra tal-bankina bla sabar. Thea ndunat li kienet b’xi mod weġġgħetu b’li kienet qaltlu. Ippruvat tbenġilha xi ftit.

“Ridt ngħid, li kieku ma kienx hawn int ma’ min ngħaddiha, Altafonte kienet tkun qassata. Imma sakemm hawn int ma’ saqajja, Altafonte kulma hi ċimiterju … tal-Etruski!” infaqgħet tidħaq Thea filwaqt li tatu daqqa ta’ ponn ħafifa fuq spalltu.

Nick ma damx m’għaddielu. Ma’ Thea ma kienx idum wisq bil-geddum. Dan kien jonqos f’dis-sħana, li jgħaddu l-ġurnata bin-nervi.

Hekk kif semgħu l-qanpiena tat-tren tavżahom li wasal, it-tnejn li huma ċċaqalqu minn posthom filwaqt li Zorro, biex ma jaħlix ħafna enerġija, refa’ rasu minn fuq saqajh ta’ quddiem.

"Waslet," għajtet fuq ix-xwiek Thea.

Mill-i*speakers* tal-istazzjon instema' l-avviż li l-ferrovija minn Ruma kienet se tittardja b'nofs siegħa u li sadanittant kienet dieħla dik minn Torino. U filwaqt li t-tren beda jieqaf bis-soltu tisfir ta' brejkijiet mal-metall, Thea u Nick reġgħu ntasbu bilqiegħda fuq il-bank fejn kienu ftit qabel.

Din kien jonqos f'dis-sħana taqli l-ankri! U kif ma bagħtitilhiex messaġġ lil Thea dil-ħabiba tal-qalb? Jista' jkun li bagħtitilha imma Thea kienet dejjem tinsa l-mowbajl warajha. Thea ma kinitx tħobb tagħmel użu wisq mill-mowbajl. Kienet tgħid li jtellifha "l-istint intuwittiv", frażi oħra li ivvintat għaliha nnifisha.

Ma kellhom xejn x'jagħmlu ħlief li joqogħdu jaraw in-nies ġejjin u sejrin mill-istazzjon.

"Min jaf għalfejn jiġu hawn dan-nies kollha, hux, f'daċ-ċimiterju tal-Etruski?" staqsa Nick biex jiġbed saqajn ħabibtu. U filwaqt li taha daqqa ta' minkeb kompla jgħidilha, "Bilfors nies


2 ROMA 14.00 3
4 FIRENZE 15.30 7
7 MILANO 16.15 4
1 NAPOLI 17.00 5
2 ROMA 18,15 3
9 GROSSETO 19.00 2
5 SIENA 20,30 5
6 AREZZO 21.00 1